

**Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)**

15033/18

**COASI 268
ASIE 65
CFSP/PESC 1142
RELEX 1039
COHOM 160
CSDP/PSDC 718
CONUN 282
COHAFA 114**

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14946/18

Suġġett: Il-Myanmar/Burma
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma, kif adottati mill-Kunsill fit-3662 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Myanmar/Burma

1. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar is-sejbiet tal-Missjoni ta' Ġbir ta' Informazzjoni (FFM) internazzjonali indipendenti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) tan-NU u ta' rapporti oħra li jikkonkludu li twettqu atti gravi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Istati ta' Kachin, Shan u Rakhine, b'mod partikolari mill-militar tal-Myanmar/Burma (Tatmadaw), li ħafna minnhom jammontaw għall-aktar delitti gravi skont id-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea konsistentement appellat biex daww responsabbli għal delitti bħal dawn iwieġbu għal għemilhom u ħadet azzjoni fil-pront fil-livell internazzjonali billi ppreżentat u sponsorjat rizzoluzzjonijiet adottati fis-27 ta' Settembru 2018 fl-HRC tan-NU¹ u fis-16 ta' Novembru 2018 fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU², biex tagħmel segwitu għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-FFM, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' "*mekkaniżmu indipendenti*" biex ikompli jinvestiga u jħejji għal proċedimenti kriminali ġusti u indipendenti f'konformità mal-istandards tad-dritt internazzjonali sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni importanti tar-responsabbiltà. Il-Kunsill jissottolinja li l-mekkaniżmu l-ġdid għandu jinholq b'riconossiment sħiħ tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

¹ A/HRC/39/CRP.2 tas-17 ta' Settembru 2018

² A/C.3/73/L.51 tas-16 ta' Novembru 2018

2. Il-Kunsill jieħu nota tal-istabbiliment ta' Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta mill-Gvern tal-Myanmar/Burma bħala pass lejn l-iżgurar tar-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fl-Istat ta' Rakhine, sakemm il-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta, għall-kuntrarju tal-mekkaniżmi investigattivi nazzjonali preċedenti, tkun kapaċi taħdem b'indipendenza, imparzjalità, trasparenza u oġġettività. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni estiża s'issa lill-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. Huwa jtenni l-appell tiegħu lill-Gvern biex, mingħajr aktar dewmien, jieħu azzjoni sinifikattiva u jsir progress fl-oqsma kollha ta' tħassib imsemmija fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Frar 2018 inkluż fir-rigward tal-aċċess għan-NU u l-aġenziji umanitarji fl-Istati ta' Rakhine, Kachin u Shan u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal ritorn sikur, volontarju, dinjituż u sostenibbli ta' persuni spostati minn Rakhine lejn il-postijiet tal-oġġini tagħhom. Għandhom isiru sforzi ġenwini biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-kriżi, b'implimentazzjoni trasparenti u verifikabbli tal-firxa sħiħa ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-Istat ta' Rakhine. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu lill-Gvern u l-poplu tal-Bangladesh fl-indirizzar ta' din il-kriżi ta' refuġjati bla preċedent.
3. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Frar 2018, il-Kunsill jistieden lill-awtoritajiet tal-Myanmar/Burma biex jikkooperaw mal-Kummissjoni Ewropea fi ħdan il-qafas tal-iskema Kollox ħliet Armi (EBA) u jfakkar li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol jirfed l-għoti ta' dawn il-preferenzi kummerċjali.
4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi u kontinwu tiegħu għat-transizzjoni demokratika, għall-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali u għall-żvilupp soċjoekonomiku inklużiv tal-Myanmar/Burma.
5. Il-Kunsill ifakkar fil-miżuri diġà meħuda għal embargo fuq l-armi aktar b'saħħtu u qafas ta' miżuri restrittivi mmirati kontra dawk li jikkommettu ksur serju u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem mill-militar (Tatmadaw) u l-pulizija tal-fruntiera fis-seħħ mis-26 ta' April 2018.

6. F'dan il-kuntest, il-Kunsill biġsiebu jadotta deżinjazzjonijiet addizzjonali għal miżuri restrittivi kontra uffiċjali għolja tal-militar u tal-pulizija tal-fruntiera responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill huwa impenjat li jżomm il-lista ta' deżinjazzjonijiet taħt rieżami kostanti u jaqbel li jesplora possibiltajiet għall-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri restrittivi sabiex jiġu inklużi wkoll entitajiet.
-